MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 971/2004

**Carmel Portelli**

**Vs**

**Raymond Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf mija u tlett liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,103.85c) rapprezentanti danni subiti fuq quddiem tal-vettura tieghu HAU 839 f’kollizjoni li sehhet fi Triq Hal Barrani fil-5 ta’ Frar, 2004 meta ntlaqtet mill-vettura tal-konvenut GER 900.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-ammont mitlub mill-attur fl-Avviz m’huwiex kollu dovut stante li l-hsarat relattivi ghad-daqqa fuq wara tal-vettura ta’ l-attur thallsu u ghalhekk m’humiex dovuti.

Illi d-danni fuq quddiem tal-vettura m'humiex dovuti ghall-attur stante illi l-vettura ta' l-attur kienet gja' mahbuta ma' vettura ta' quddiemha ossija FAV 617.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Portelli, Raymond Gauci u Jeffrey Deguara.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Yana Micallef Stafrace ghall-attur u Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-5 ta' Frar, 2004 kien hemm kollizjoni fi Triq Hal Barrani limiti taz-Zejtun fejn gew involuti erba' vetturi, wahda wara l-ohra. Il-vettura ta' l-attur hija t-tielet wahda in fila.

M'huwiex ikkontestat illi effettivament il-karozza tal-konvenut, li kienet ir-raba' wahda in fila, habtet gol-vettura ta' l-attur. Il-hsarat fuq il-parti ta' wara tal-vettura ta' l-attur gja' thallsu.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk il-konvenut ghandux ihallas ukoll il-hsarat subiti fil-parti ta' quddiem tal-vettura ta' l-attur, billi l-konvenut qieghed isostni illi l-vettura ta' l-attur kienet gja' mahbuta mal-karozza ta' quddiemha.

L-attur cahad kategorikament li huwa kien gja' mahbut qabel ma rcieva d-daqqa minghand il-konvenut. Inoltre, Jeffrey Deguara li kien fit-tieni karozza, cjoe' fil-vettura ta' quddiem l-attur, xehed illi fil-kollizjoni in kwistjoni huwa kien gja' wieqaf u ma kienx mahbut mal-karozza ta' quddiemu u f'daqqa wahda sema' brake u ftit wara rcieva d-daqqa fuq il-parti ta' wara u bid-daqqa huwa gie mbuttat mal-vettura ta' quddiemu u habat maghha. Huwa hass daqqa wahda biss.

Raymond Gauci xehed illi l-vettura ta' Portelli kienet gja' mahbuta qabel ma' habat maghha, izda in kontro-ezami

huwa spjega li huwa wasal ghal din il-konkluzjoni semplicement ghall-fatt li l-vettura ta' quddiemu kienet wieqfa. Ma jidhirx li huwa ra l-vettura ta' quddiemu gja' mahbuta izda gibed konkluzjoni mill-fatt li kien ra l-karozza ta' quddiemu wieqfa.

It-Tribunal jidhirlu illi kif giet imposta l-eccezzjoni, l-piz tal-prova li l-vettura ta' l-attur kienet gja' mahbuta mal-vettura ta' quddiemha huwa fuq il-konvenut. Il-konvenut qieghed jaghmel din l-allegazzjoni u ghalhekk sta ghalih li jippruvaha.

Mill-provi prodotti f'din il-kawza ma jirrizultax debitament pruvat li fil-fatt il-vettura ta' l-attur kienet gja' mahbuta. Anzi fuq bazi ta' probabbilta' jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur kienet waqfet wara l-vettura ta' Deguara u ma kienetx mahbuta u dan minhabba l-fatt illi kieku kienet gja' mahbuta mal-vettura ta' quddiemha, meta l-vettura tal-konvenut dahlet fil-vettura ta' l-attur, b'rizultat ta' din id-daqqa, l-vettura ta' l-attur kienet terga' tahbat ghal darb' ohra mal-vettura ta' Deguara – haga li fil-fatt ma jirrizultax li gara.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jidhirlu illi r-responsabbilta' unika ghall-incident in kwistjoni u partikolarment ghall-hsarat sofferti mill-attur fil-parti ta' quddiem tal-karozza tieghu hija mputabbli ghall-konvenut li habat mal-karozza ta' l-attur u mbuttaha ghal fuq il-karozza ta' Deguara.

Il-hsara fuq quddiem fil-karozza ta' l-attur hija mputabbli ghall-konvenut li ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghaliha.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, fil-verbal tas-seduta tat-12 t'April, 2005, l-avukat tal-konvenut, fuq struzzjonijiet tal-klijent, iddikjara li dawn m'humiex qieghdin jigu kkontestati. F'kull kaz mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi fil-fatt il-hsarat sofferti mill-attur huma ftit oghla minn dawk mitluba fl-Avviz odjern.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u tlett liri

Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,103.85c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------